**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 22/13(30_09_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-23 ta' Settembru 2013.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
6. Skema attivitajiet Sportivi.
7. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
8. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
9. Rapport tal-Kumitat Amministrattiv.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
11. Rapport tas-Sindku.
12. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
13. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
14. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 21/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Linji Gwida dwar Telefon Ċellulari tal-Kunsilli Lokali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 22/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Elezzjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità u Anzjanità Attiva fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali rigward 'Kors tal-Kompjuter b' xejn għall-Anzjani'.

2.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi rigward ‘Festa Għeneb fis-Siġġiewi’.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment tal-Kummerċ fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar rigward ‘Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti’.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA rigward ‘Minimum Qualification Requirements for personnel involved in the maintenance and servicing of Fixed Refrigeration and A/C equipment and Vehicle A/C systems’.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Malti għall-Isport rigward il-‘Move Week 2013’ bejn is-7 u t-13 t’ Ottubru 2013 li hija l-*flagship activity* tal-Kampanja ‘Now We Move’.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-34 laqgħa ta’ dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħha lill-Kunsilliera.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) rigward is-*Seminar* tas-27 ta’ Settembru 2013 bit-tema ‘Competition Law – How does it affect you?’, fil-Mediterranean Conference Centre.

2.10 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 58/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ‘Tibdil fid-Data u l-Post tad-Diskussjoni: Sehmek Lejn Arja Aktar Nadifa’ fejn qed jitwassal l-avviż maħruġ mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, l-Aġenda tal-Laqgħa għas-Sindki – 27 u 28 ta’ Settembru 2013 u l-Minuti tal-aħħar Laqgħa (31 ta’ Mejju u 1 ta’ Ġunju 2013).

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Tramuntana rigward ‘Bank Deposit Slip – New Instruction’.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ rigward il-Youth Information One Stop Shop fejn taw informazzjoni dwar is-servizzi provduti minnhom u bagħtu xi materjal għall-promozzjoni tal-Youth Information Centre li fetaħ dan l-aħħar fil-Belt Valletta.

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Anzjani, Dipartiment tal-Customer Services, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward ‘Kors tal-Università tat-tielet età f’ Għawdex 2013-2014’.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-*Supervisor*, School Transport Section, rigward il-ħinijiet tat-trasport tat-tfal organizzat mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni għall-istudenti tal-iskejjel Sekondarji.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti rigward il-‘MOC (Maltese Olympic Committee) Local Council Sports Awards 2013’.

2.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand The Side by Side Team, SOS (Solidarity Overseas Service) Malta rigward il-gazzetta li ser jippubblikaw bl-isem ta' 'Side by Side: A newspaper promoting integration and diversity in Malta'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward il-'MEPA Circulars (1/13)'.

2.19 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 54/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-'Laqgħa għas-Sindki - 27 u 28 ta' Settembru 2013 – Lukanda Dolmen, Il-Qawra'.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kap tal-Iskola, Gozo College Sannat Primary and Special Unit rigward l-'HSBC Campaign Invitation' bit-tema 'Catch the Drop Campaign'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Primary Health Care, Ministeru għas-Saħħa rigward l-'Influenza Vaccines for the 2013 campaign'.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward il-Konferenza Nazzjonali 'Agħti Sehmek' fil-11 t' Ottubru 2013, fil-lukanda New Dolmen, Il-Qawra.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward il-'Policy for Solar Farms (Objectives)'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Fuq talba li kienet saret mingħand resident fi Triq il-Munxar sabiex issir bankina, il-Kunsill talab lill-Perit William Lewis sabiex jiddisinja proposta dwar bankini fl-*area* ta' madwar. Peress li t-triq hija dejqa, u jekk isiru l-bankini fuq iż-żewġ naħat, trid issir sistema ta' *give way*. Din il-proposta ġiet diskussa u ma kienx hemm qbil dwar din il-proposta. Il-Kunsill kien ser jikteb lill-persuna li għamlet it-talba tal-bankina u tiġi infurmata li skont il-pjanti ma hijiex prattikabbli għaliex jinħoloq periklu u konġestjoni tat-traffiku u din hija triq arterjali.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*producer* tal-programm Xarabank fejn qed jistieden lis-Sindku u l-membri tal-Kunsill flimkien ma' residenti mill-Munxar u Ix-Xlendi sabiex jattendu għal xi programm u jsir rapport tal-ħidma tal-Kunsill.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Annalise Falzon fejn qed tilmenta dwar id-dawl eċċessiv li hemm fi Triq il-Kantra u max-xtajta tax-Xlendi. Hija qed toffri l-għajnuna tagħha sabiex tiġi organizzata attività u jiġi spjegat l-importanza ta' din l-*area*. Il-Kunsill diġà infurmaha dwar id-dwal il-ġodda li ser jitwaħħlu dalwaqt.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident fi Triq il-Kantra. Huwa qed jilmenta dwar l-*area* ta' max-xtajta minħabba li mhux dejjem qed titnaddaf. Huwa qed jitlob li din l-*area* titnaddaf aktar ta' spiss.

3.05 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA dwar kemm hemm fondi tal-UIF tal-Kunsill u Kumitat Amministrattiv. Il-Munxar għandu €4,914.63 u Ix-Xlendi għandu €42,803.24.

3.06 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident fi Triq il-Munxar. Huwa qed jitlob sabiex isiru *double yellow lines* man-naħa l-oħra tat-triq sabiex ikun jista' jdaħħal il-karozza fil-*garage*. Il-Pulizija qed titlob ukoll li dawn is-sinjali jsiru. Huwa qed jitlob ukoll sabiex *double yellow lines* quddiem il-*garage* jitneħħew. Id-*double yellow lines* ta' quddiem il-*garage* tneħħew u r-resident qabel li għalissa ma għandux għalfejn isiru *double yellow lines* in-naħa l-oħra tat-triq.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Carmelo Galea f' isem Road Construction Co. Ltd. bħala kuntrattur tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja. Peress li l-kuntrattur kien verbalment infurmat mill-Kunsill li għalissa jieqaf mix-xogħlijiet u li s'issa għadu ma rċieva l-ebda forma ta' struzzjonjijiet oħra, il-kumpanija qed tinforma li eventwalment dan ser ikun ta' detriment kemm għall-Kunsill kif ukoll għall-kumpanija għaliex bħalissa hija kellha l-ħaddiema u l-makkinarju disponibbli sabiex iwettqu x-xogħol fit-termini miftiehem, però la l-ħaddiema u lanqas il-makkinarju ma jistgħu jitħallew *on standby* u għalhekk fin-nuqqas ta' konferma ta' meta ser jitkomplew ix-xogħlijiet fi żmien ħmistax-il jum, il-kumpanija se tibgħat il-ħaddiema u makkinarju fuq xogħol ieħor u jkun impossibbli li terġa' tibgħat il-ħaddiema u makkinarju fuq ix-xogħol fil-Pjazza fi żmien qasir.
Din l-ittra ser tiġi rriferuta lid-Direttur, Carmel Abela u se jintalab sabiex il-laqgħa li hija ppjanata li ssir fis-17 t' Ottubru 2013 issir aktar kmieni, kemm jista' jkun.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali. Qed jiġi ċċarat li permess imsejjaħ Twaqqif ta' xi Posta jew Kjosk għandu jiġi interpretat bħala permess ta' tliet ġranet konsekuttivi jew parti minnhom. Dan ifisser li ssir applikazzjoni waħda għal perjodu li ma jeċċedix it-tlett ijiem konsekuttivi.

3.09 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta li fi Triq iż-Żirżieb saru *double yellow lines* li qed inaqqas il-*parking* f' din it-triq. Qed jilmenta wkoll dwar *skips* li tqiegħdu viċin il-bieb tal-*boathouse* tiegħu u qed ikunu ta' inkonvenjent minħabba rwejjaħ. Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-*double yellow lines* saru fuq talba ta' sid ta' *garage* faċċata ta' fejn saru d-*double yellow lines* sabiex ikun jista' joħroġ l-opra tal-baħar. Is-Sindku kien ser jiċċekkja kemm suppost tkun wisgħa t-triq. Il-Kunsill kien ser jitlob lill-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd. sabiex ineħħi l-iskips minn quddiem il-*boathouses* u jitpoġġew fil-post li sar biex jitpoġġew *skips*. Il-Kunsill se jikteb lil min għamel l-ilment li nġibdet l-attenzjoni dwar dan.

3.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Nicholas Barbara, il-Conservation Manager ta' Birdlife Malta. Huwa qed jilmenta dwar id-dwal ta' Triq il-Kantra u l-passaġġ tax-xtajta. Il-Kunsill diġà infurmah li se jitwaħħlu fanali ġodda b' anqas *light pollution*.

3.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA dwar laqgħa tal-Bord li ser issir fit-18 t' Ottubru 2013 dwar it-tiġdid tal-permess ta' taħmil ta' Wied ix-Xlendi (PA/02737/12). F' din il-laqgħa tal-Bord se jiġi rrakkomandat li dan il-permess jiġi *dismissed* peress li l-pont li kien sar illegali f' dan l-istess wied għadu ma tneħħiex. Ġie deċiż mill-Kunsill li peress li dak il-pont kien sar mill-Gvern Ċentrali xi snin ilu, il-Kunsill se jikteb sabiex jitneħħa mill-istess Gvern Ċentrali. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill kien ser jidħol għal dan ix-xogħol.

3.12 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA dwar skedar ta' proprjetà. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kumpless Rurali fi Triq il-Kalkara tal-Ġir, Il-Munxar ġie skedat skont it-termini ta' Artiklu 81 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

3.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward Kummissjoni li ġiet imwaqqfa mill-Eċċ. Tiegħu Mario Grech, Isqof t' Għawdex sabiex tħejji rapport dwar is-sitwazzjoni tal-immigranti refuġjati ġewwa Għawdex. Il-Kunsill qed jiġi mitlub jagħti informazzjoni ta' inizjattivi illi saru jew pjanati li jsiru relatati mal-immigrazzjoni fil-lokalità sa minn Jannar ta' din is-sena.

3.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta fejn qed japprovaw li jsiru Water Sports Games fil-Bajja tax-Xlendi fit-22 ta' Settembru 2013.

3.15 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward suppliment ta' erba' faċċati li se jibda jkun ippubblikat fit-Times of Malta. Dan is-suppliment se jkun stampat kull erba' xhur, l-ewwel wieħed se joħroġ għall-aħħar ta' Settembru 2013.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 22/13(30_09_13).

**5.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

5.01 Issa li x-xogħol ta' *Lot* 3 u *Lot* 4 ġie ċċertifikat, qed jinħadem l-ammont li ġie iffrankat. Wara tinħareġ *tender* sabiex il-fondi kollha jiġu utilizzati.
Dan l-aħħar inqalgħu xi problemi dwar is-sistema tad-dawl u l-kuntrattur Eagle Security Systems intalab jirranġa s-sitwazzjoni.

**6.00 Skema attivitajiet Sportivi.**

6.01 Il-Kunsill Malti għall-Isport ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-*fitness classes* huma inklużi fil-*grant* u s'issa dawn għadhom ma sarux. Is-Sindku kien ser jikkonsulta mal-Kappillan sabiex jiġi esplorat li dawn il-*fitness classes* jiġu organizzati bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa.

**7.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

7.01 Xi jiem ilu saret laqgħa bejn Road Construction Co. Ltd. u l-Perit Samuel Formosa fil-post tax-xogħlijiet. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lill-Kunsill sabiex iwaqqaf temporanjament ix-xogħlijiet biex jiġi ċċarat is-sitwazzjoni tas-*Sub Contractor* peress li huwa membru tal-Kunsill. Il-Kunsill talab laqgħa urġenti mad-Dipartiment u mal-Konsulent fis-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali fi ħdan il-Ministeru għat-Turiżmu.

**8.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

8.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' Gatt Tarmac Ltd. fejn ġie diskuss il-kuntratt kif ukoll il-*work plan* li ser ikun inkorporat f' istess kuntratt. Peress li l-kuntratt ġie emmendat minn Gatt Tarmac Ltd., il-Kunsill irrefera dan il-kuntratt lill-Avukat.

**9.00 Rapport tal-Kumitat Amministrattiv.**

9.01 Fix-Xlendi kien għadu kemm intemmu l-attivitajiet għax-xhur tas-sajf fejn l-aħħar żewġ attivitajiet kienu l-Fjakkolata tal-21 ta' Settembru 2013 u l-Water Fun Park fit-22 ta' Settembru 2013. F' Ottubru se jinbeda x-xogħol ta' tisbiħ ta' Triq il-Kantra. Dawn ix-xogħlijiet ser jitħallsu mill-fondi UIF.

**10.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

10.01 Fi Triq Ras il-Bajjada saret il-*base* għall-arblu tal-*bus stop*. Din saret wara talba li għamel il-Kunsill lil Transport Malta.
Fi Triq il-Biżantini, il-Kunsill waħħal it-tabella *Cul-De-Sac*.
Tnaddfu l-*water culverts* tat-toroq u twaħħlet il-*gate* fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

**11.00 Rapport tas-Sindku.**

11.01 Il-Perit William Lewis intalab jagħmel proposta ta' *roundabout* fi Triq Dun Spir Gauci li tagħti għal Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Sabiex isir dan, il-Kunsill irid jagħmel *survey* tal-*area*.
Fil-laqgħa tas-Sindki ġie diskuss id-devoluzzjoni tal-lampi li ser issir fil-futur. Is-Sindku attenda laqgħa ma' Uffiċjali tal-MTA dwar ġbir ta' skart fix-Xlendi. Huwa infurmahom li fix-Xlendi l-ġbir ta' skart fis-sajf isir kuljum.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li ħarġet applikazzjoni tal-Leader EU Funds u l-Kunsill se japplika sabiex tinkesa bit-tarmak parti minn Triq Żgħawri u jitranġaw il-ħitan tas-sejjieħ.
Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li wara li saret talba sabiex isir *pipe* li jwassal l-ilma tax-xita minn Triq San Pawl għal Sqaq l-Isdieri, huwa kellem lir-resident li joqgħod viċin u qed jissuġġerixxi li jsir *pipe* dirett minn Triq San Pawl għar-residenza ta' min għamel it-talba. Għaldaqstant, il-Kunsill mhuwiex se jagħmel dan il-*pipe* sabiex ma jinħoloqx preċedent.

**12.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

12.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li se jiġu ppubblikati dawn is-sejħiet għall-offerti:

- Offerta Numru: MXR/001/2013 - Knis ta' Toroq fix-Xlendi
- Offerta Numru: MXR/002/2013 - Construction of Several Pavements with Low Life Cycle Environment Impacts
- Offerta Numru: MXR/003/2013 - Servizz ta' Perit għal proġetti tal-Kunsill
- Offerta Numru: MXR/004/2013 - *Hiring of Environmentally Friendly Plant and Machinery*
- Offerta Numru: MXR/005/2013 - *Supply of energy efficient equipment for the on-line streaming of meetings*
- Offerta Numru: MXR/006/2013 - Servizz ta' *Contracts Manager*
- Offerta Numru: MXR/007/2013 – *Patching/Resurfacing Works*
- Offerta Numru: MXR/008/2013 - Servizz ta' *Handyman*

12.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għadu kemm ġie infurmat mis-Sur Ruben Said, Manager ta' Transport Malta f' Għawdex li l-permess sabiex isir *bus shelter* maġenb l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina ġiet approvata u ser jgħaddi t-talba lil Faces Consultants Ltd. sabiex iwaħħlu l-*bus shelter*.

12.03 Saret talba mis-Sur Ryan Debrincat f' isem Il-Munxar Falcons Football Club sabiex ipoġġu *vending machine* għal *soft drinks* u ilma fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Peress li se jużaw elettriku tal-Kunsill, il-*Club* lest li jnaddaf il-pannelli darba fil-ġimgħa. Il-ħlas għall-permess huwa ta' €23.29 u jkun validu sal-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jkun ħareġ il-permess u jista' jiġġedded minn sena għal sena hekk kif isir il-ħlas relattiv għal dak it-tiġdid. Iżda l-Kunsill Lokali jista' għal raġuni valida f' kull żmien jissospendi jew jirrevoka l-imsemmi permess mingħajr rifużjoni tal-ħlas jew ta' parti mill-ħlas ta' dak il-permess. Il-Munxar Falcons FC għandu jkun responsabbli għad-danni kollha li jista' jsir lil terzi persuni bl-użu ta' dik il-*vending machine*. Kien hemm qbil dwar dan.

12.04 Permezz ta' Memo 21/2013 - Linji Gwida dwar Telefon Ċellulari tal-Kunsilli Lokali, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jagħti l-permess sabiex il-Kunsill ikollu *mobile*, fejn ġew elenkati l-kundizzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv kien se jistħarreġ dwar liema huwa l-aħjar pakkett adattat għal bżonnijiet tal-Kunsill.

12.05 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ struzzjonijiet sabiex is-Segretarji Eżekuttivi ma jittrasferux aktar minn 96 siegħa *vacation leave* tas-sena 2013 għas-sena 2014. Qed jesieġi wkoll li f' Novembru u Diċembru s-Segretarji Eżekuttivi ma jieħdux aktar minn 40 siegħa u jekk ma huwiex possibbli, is-Segretarju Eżekuttiv irid iġib approvazzjoni mid-Dipartiment sabiex ikun jista' jieħu aktar. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li peress li baqalu aktar minn 136 siegħa, se jitlob permess sabiex ikun jista' jieħu aktar minn 40 siegħa f' Novembru u Diċembru 2013. Qed jissuġġerixxi li jieħu *leave* 3 sigħat u kwart kuljum, jiġifieri, jaħdem sas-1 ta' waranofsinhar. Kien hemm qbil dwar dan.

**13.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

13.01 Is-Sur Saviour Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar żrar li tkaxkar bix-xita li hemm quddiem id-Dar Parrokkjali fi Triq Żgħawri kantuniera ma' Triq it-12 ta' Diċembru 1957.
Fi Triq Żgħawri hemm *wire* tat-*telephone* li qed imiss mat-triq u fi Triq il-Madonna tal-Karmnu hemm tappiera fuq il-bankina li trid titranġa.
Is-Sur Spiteri ġie avviċinat mill-familja Calleja li għandha *farm* taħt ir-riħ ta' Triq Żgħawri peress li l-ħajt tat-triq ser iċedi għal fuq il-*farm* tagħhom. Il-Kunsill kien se jerġa' jkellem lit-Taqsima tas-CMU dwar dan il-każ.

13.02 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-qasab tal-Wied tax-Xlendi. Il-ħaddiema tal-Public Cleansing Section se jaqtgħu dan il-qasab li qed jiddendel għal ġot-triq.
Is-Sinjura Said issuġġeriet li Ġnien Ragalna jitnaddaf u l-Palm jinżabar.

13.03 Is-Sur Robert Mallia lmenta dwar il-ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Il-Kunsill kien ser ikellem lill-*attendants* li jnaddfu l-latrina u l-ġnien dwar din il-problema.

13.04 Is-Sur Ryan Debrincat xtaq iressaq proposta mingħand l-Għaqda tan-Nar tal-Munxar. Din l-Għaqda qed tissuġġerixxi sabiex il-Kunsill iġib *record* Nazzjonali għar-raħal tal-Munxar. Qed jissuġġerixxi li l-Kunsill flimkien magħhom jikkompetu għal tliet *records*: l-itwal armatura tan-nar, l-armatura li ddum tieħu u l-aktar armatura li jkollha *fuses*. Ir-*records* jissemmew f' isem il-mibki Mario Gauci, li kien delettant tan-nar u ex-Kunsillier. Huwa kkalkulat li materjal u apparat li se jintuża se jiswa €3,000 u x-xogħol tal-membri tal-Għaqda jkun volontarju. Kien hemm qbil li l-Kunsill jorganizza u jikkompeti għal dawn it-tliet *records*.

**14.00 Materji oħra.**

14.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.35 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 31 t' Ottubru 2013, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |